MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 650/2008

**Arkitett Mariello Spiteri**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

***u***

**b`digriet tal-14 ta` Jannar 2009 gew kjamati fil-kawza Mario Camilleri u Randolph Camilleri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Gunju 2008 li jaqra hekk :–

*Illi ircieva avviz datat 9 ta` Gunju 2008 minghand ir-Registartur tal-Kumpanniji, kopja esebita Dok A, in konnessjoni ma` socjeta` C.S.I. Contracting Limited, C- 21115, fejn qed jigi mitlub ihallas is-somma ta` Euro elfejn u sittin wiehed u tletin centezmu (€2060.31) ekwivalenti ghal Liri Maltin tmien mija erbgha u tmenin u disgha u erbghin centezmu (Lm884.49) bhala penali ghal xi allegati nuqqasijiet ;*

*Illi dan huwa Rikors a tenur ta` l-Artikolu 401(5) tal-Kap 386. Il-bazi tieghu hija huwa ma kellu assolutament ebda kontroll jew influenza jew informazzjoni fuq il-gestjoni ta` din is-socjeta` ; fil-fatt dawn kienu jmexxuha diretturi ohrajn li kienu Mario Camilleri u Randolph Camilleri ; kien jiddeciedu wahedhom u jagixxu wahedhom ; ma kellu ebda responsabilta` la fuq l-Accounts u l-filing taghhom u lanqas ma` l-Annual Return ; huwa dejjem agixxa bi prudenza u ghamel dak kollu li kien fil-poter tieghu izda ma ghandux iwiegeb ghal allegati nuqqasijiet ta` persuni ohrajn li kellhom fil-kontroll taghhom il-gestjoni tas-socjeta` ;,*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi (i) l-ammont pretiz bhala penali kif fuq indikat mhux dovuta mill-esponenti u (ii) tiddikjara konsegwentement li fil-konfront ta` l-esponent l-avviz mahrug bid-data tad-9 ta` Gunju 2008, huwa null u inattendibbli.*

Rat id-dokument li kien prezentat mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-7 ta` Novembru 2008 u taqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` C.S.I General Contracting Ltd. (C 21115) giet registrata fis-26 ta` Frar 1997 u ghada sallum fuq ir-Registru tas-Socjetatijiet ;*

*2. Illi r-rikorrent kien ilu direttur f` din il-kumpanija, flimkien ma` Mario Camilleri u Joseph R. Camilleri, mit-23 ta` Jannar 2001 sat-8 ta` Lulju 2008, meta r-rikorrent irrizenja minn din il-kariga. Id-diretturi l-ohra kienu irrezenjaw ftit qabel cioe fit-2 ta` Gunju 2008 ;*

*3. Illi matul il-perjodu li r-rikorrent kien direttur f`din il-kumpanija, id-diretturi naqsu, f`numru ta` okkazjonijiet, milli jissottomettu il-kontijiet annwali tal-kumpanija, hekk kif mitlubin mill-Artiklu 183 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji 1995 (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), u l-istess kumpanija li taghha huma kienu diretturi naqset ukoll milli tibghat lir-Registratur tal-Kumpaninij il-prospetti annwali kif inhi obbligata li taghmel taht l-Artiklu 184 ta` l-istess Att. Dawn in-nuqqasijiet jirrizultaw mill-avviz li gie anness mir-rikorrent stess mar-rikors promotur tieghu (mmarkat bhala "Dok. A") ;*

*4. Illi l-Att dwar il-Kumpanniji, li jirregola l-kumpannija in kwistjoni, jaghmilha cara x`inhuma d-dmirijiet u l-obbligi ta` kull direttur f`kumpannija registrata u regolata taht l-istess ligi, kif ukoll x`inhuma l-obbligi tal-kumpanija stess. L-Artikolu 183 jobbliga diretturi ta` kumpannija sabiex dawn kull sena jikkonsenjaw lir-Registratur kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghar-registrazzjoni, filwaqt li l-Artikolu 184 jobbliga lil kull kumpanija sabiex taghmel prospett fil-forma murija fis-Seba` Skeda ta` l-Att, liema prospett juri l-hwejjeg fiha indikati kif kienu fid-data ta` l-anniversarju tar-registrazzjoni taghha ;*

*5. Illi fis-sub-artikolu (10) ta` l- Artikolu 183 u fis-sub Artikolu (3) ta` l-Artikolu 184 il-ligi taghmilha cara lil <u>kull ufficjal</u> ta` kumpannija illi jonqos milli jibghat id-dokumenti mehtiega ghar-registrazzjoni ikun soggett ghall-penali fissa u ghal-penali addizzjonali ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas. L-Artikolu 2(1) ta l-Att jghid li t-terminu "ufficjal" tinkludi direttur, manager jew segretarju tal-kumpannija, izda ma tinkludix awditur. Allura huwa car li r-rikorrenti Mariello Spiteri huwa maqbud minn dawn l-obbligi spjegati aktar `l fuq bhala direttur u ghalhekk ufficjal ta` din il-kumpannija u ghaldaqstant ghandu jirrispondi ghan-nuqqasijiet kommessi waqt li hu kien direttur ;*

*6. Illi l-Att dwar il-Kumpanniji mkien ma jaghmel distinzjoni bejn xi tip ta` direttur jew iehor, sija jekk dan fattwalment ikunx attiv jew ikun inqas attiv fl-amministrazzjoni u tmexxija tal-kumpanija. Taht l-Att id-diretturi kollha ugwali. Ghaldaqstant, malli persuna tassumi l-kariga ta` direttur ta` kumpanija, dik il-persuna tassumi ukoll l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet shah marbutin ma` dan l- ufficcju skond il-ligi ;*

*7. Illi d-diretturi huma fil-fatt mistennija minn dan l-Att li jagixxu b` mod kollettiv bhala <u>board of directors</u> , u allura r-responsabilita` taghhom ghal ksur tal-provvedimenti taht dan l-Att bl--istess mod tapplika ghad-diretturi kollha in solidum. L-Artikolu 150 ta` l-Att li jghid li kull haga li skond xi*

*sisposizzjoni ta` dan l-Att hi mehtiega li ssir minn mumpaninija li ghandha titqies ukol li hi mehtiega li ssir mill-ufficjali tal-kumpannija. Inoltre, l-Artikolu 427 ta` l-Att, li jitratta dwar il-penalitajiet amminstrattivi, fis-subartikolu (4) jghid li kumpannija tkun responsabbli in solidum ma` l-ufficjali taghha ghall-hlas ta` kull penali amministrattiva imposta taht dan l-Att. Ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li d-diretturi, bhala ufficjali tal-kumpannija, huma responsabli in solidum bejniethom u mal-kumpannija ghal tali penali amministrattivi. Huwa facli u komdu illi wara li kumpannija tikser obbligi u doveri cari, ghal-diversi snin, li huma imposti fuqha mill-ligi, sussegwentement direttur jipprova jezonera lilu nnifsu minn dawn l-obbligi imposti fuqu billi jargumenta li xi direttur iehor kien responsabbli ghal aspett ta` l-amministrazzjoni tal-kumpannija li huwa ma kienx involut fih u jipprova jwahhal f`haddiehor ;*

*8. Illi jekk fil-fatt internament fil-kumpannija kien hemm xi arrangament jew tqassim ta` responsabilta` bejn id-diretturi innfsuhom, dan bl-ebda mod ma jnaqqas jew ihassar xi obbligazzjoni jew responsabilita` li l-Att dwar il-Kumpanniji jimponi fuq kull direttur ta` kumpannija. Fil-fatt l-Att fl-ebda artikolu ma jimponi xi obbligazzjonijiet jew responsabilta` fuq xi direttur partikolari u mhux fuq ohrajn, izda dejjem jimponi obbligi u dmirijiet <u>fuq id-diretturi kollha</u> tal-kumpannija <u>kollettivament</u> ;*

*9. Illi l-argument tar-rikorrent li huwa ma kellu ebda kontroll jew influenza jew informazzjoni fuq il-gestjoni ta` din il-kumpannija l-anqas huwa kredibbli jew sostenibbli fattwalment, u dan ghaliex allura jqajjem il-mistoqsija gravi ohra ghalfejn accetta ir-rwol ta` direttur, bir-responsabilta` u l-obbligi li dan igorr mieghu. Dan l-argument iqajjem ukoll il-mistoqsija ghaliex allura hu ma rrizenjax qabel minn dan ir-rwol hekk importanti u fundamentali f`kumpannija. Huwa inkoncepibbli kif direttur jibqa` jaccetta li jagixxi bhali tali ghal seba` snin shah f`kumpannija meta allegatament ma kellu ebda kontroll jew influenza fuq il-gestjoni taghha. Ghall-inqas wiehed jistenna li direttur, anke jekk b`rwol inqas attiv, f`xi mument jaccerta ruhu li tal-anqas dawk id-dmirijiet imposti bil-ligi fuq diretturi u fuq il-kumpannija kienu qeghdin jigu osservati ;*

*10. Illi l-argument tar-rikorrent li huwa "ma kellu ebda responsabilta` la fuq l-Accounts u l-filing taghhom u l-anqas ma` l-Annual Return ..." ma hijiex accettabbli in vista tal-fatt li jekk wiehed jirreferi ghall-accounts tal-kumpannija ghas-snin li ghalqu 31 ta` Dicembru 2001 u 31 ta` Dicembru 2002 (hawn annessi u mmarkati bhala "Dok.R1" u "Dok.R2"), wiehed jara kif ir-rikorrent Mariello Spiteri fil-fatt kien iffirma ghan-nom tal-board of directors, flimkien ma` Mario G. Camilleri, ta` l-inqas f`dawn iz-zewg okkazjonijiet. Kieku r-rikorrenti ma kellu l-ebda responsabilita` fuq l-accounts jew ma kien jaf xejn dwarhom, hekk kif qed issa jsostni, allura ghalfejn kien accetta li jiffirma, ta` l-anqas f`zewg okkazjonijiet separati, ghan-nom tal-board of directors fuq l-accounts tal-kumpannija in kwistjoni ? ;*

*11. Illi l-argument l-iehor migjub mir-rikorrent fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur li hu ma kellu "assolutament ebda kontroll jew influenza ... fuq il-gestjoni ta` din is-socjeta` huwa propju kontradittorju ghal dak li jsostni ftit wara fl-istess paragrafu li huwa dejjem agixxa bi prudenza u ghaqal. Direttur li jagixxi bi prudenza u ghaqal zgur li ma jaccettax, taht l-ebda cirkustanza, li jibqa` jassumi r-responsabilta` ta` direttur f` dawn ic-cirkustanzi ;*

*12. Illi f`dan il-kuntest huwa wkoll importanti li wiehed jirreferi ghal numru ta` artikoli fl-Att dwar il-kumpanniji li jitkellmu dwar id-dmirijiet u obbligi ta` diretturi ta` kumpannija. Fost dawn wiehed isib l-artikolu 163 li jitkellem car dwar l-importanza li kull kumpannija (u ghalhekk obbligu tad-diretturi) izzomm kontijiet b`mod xieraq, l-artikolu 167 illi jobbliga lid-diretturi ta` kull kumpannija li jhejju kontijiet ghal kull sena, u l-artikolu 136A (2), li jispjega kif id-diretturi ta` kumpannija ghandhom jippromwovu l-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabli ghal : (a) it-tmexxija generali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immanigjar taghha ; u (b) s-sorveljanza generali u l-affarijiet taghha ;*

*13. Illi finalment huwa ta` importanza kbira ghal dan il-kaz dak li jipprovdi l-Artikolu 176(1) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji, fejn jipprovdi li "l-kontijiet annwali ta` kumpannija ghandhom ikunu approvati <u>mill-bord tad-</u>*

*diretturi u l-karta tal-bilanc ghandha tkun datata u ffirmata f`isem il-bord u minn zewg diretturi tal-kumpannija". Fis-sub-artikoli (2) u (3) ta` dan l-artikolu jerga` jigi emfasizzat kif dawn il-kontijiet annwali dejjem jinhargu f`isem il-bord tad-diretturi kollu, u kull membru tal-bord jista` ghalhekk jinzamm responsabbli;*

*14. Illi allura din l-Onorabbli Qorti qeghda hawn tigi rinfaccjata b` sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, taht gurament, meta jsostni li hu "... ma kellu ebda kontroll jew influenza jew informazzjoni fuq il-gestjoni ta` din is-socjeta` ; fil-fatt dawn kienu jmexxuha diretturi ohrajn.... ma kellu ebda responsabilta` .... fuq l-Accounts...", qieghed allura jammetti quddiemha li hu ma mexiex ma` l-obbligi u d-dmirijiet tieghu qed taht l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*15. Illi din l-Onorrabli Qorti ma ghandhiex tippremja direttur li jippretendi ezenzjoni mir-responsabilta` taht l-Att dwar il-Kumpanniji sempliciment ghax naqas milli jiehu l-interess dovut u naqas milli jiehu sehem attiv fil-bord tad-diretturi, kif inhu mistenni mill-istess Att.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez, li tikkonferma r-responsabilta` tad-diretturi u tal-kumpannija matul il-perjodu li r-rikorrent kien direttur, u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgibha taghti dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat.

Rat id-dokumenti li l-intimatipprezenta mar-risposta.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2009 fejn laqghet it-talba tal-attur ghall-kjamata fil-kawza ta` Mario Camilleri u Randolph Camilleri, liema talba ma kenitx opposta mill-intimat.

Rat ir-risposta li pprezentaw il-kjamati fil-kawza fit-13 ta` Frar 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-effett tal-artiklu 401 (5) tal-Kap 386 huwa immirat sabiex l-individwu jopponi, ghar-ragunijiet validi, l-kont mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji dwar xi kontijiet pendenti li jirrizultaw minn xi nuqqasijiet u mhux sabiex jigu kjamati inkawza l-esponenti u se mai r-rikorrenti messu intavola proceduri ohra kontra l-esponenti wara l-ezitu ta` dan ir-rikors u dan qieghed jinghad fid-dawl tal-artiklu 962 tal-Kap 12 fejn l-istituzzjoni tal-kjamat in kawza mhiex immirata sabiex ir-rikors tkun proposta kontra l-esponenti ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti bil-qawwa kollha jopponu ghar-ragunijiet li r-rikorrenti ta fir-rikors promotur tieghu fejn qal li l-esponenti Mario Camilleri u Randolph Camilleri kienu qeghdin jagixxu wahedhom anzi ghandu jirrizulta illi l-esponenti wahedhom ma setghux jagixxu minhabba l-fatt li kull rezoluzzjoni tal-kumpannija kellha u ghad ghandha bzonn it-tlett firem inkluz tar-rikorrenti u minkejja d-diversi talbiet, telefonati u insistenza sabiex r-rikorrenti jiffirma r-rezoluzzjonijiet tal-kumpannija l-istess rikorrenti ma accettax li jiffirma u ghalhekk kien hemm blokk fl-operat tal-kumpannija bil-konsegwenza li l-esponenti ma kellhomx ebda ghazla hlief li jirrezenjaw mill-karigi taghhhom fil-kumpanija ;*

*3. Illi l-multi huma impuniti minhabba n-nuqqas ta` kooperazzjoni shiha de parte tal-Perit Mariello Spiteri li bi traskuragni, nuqqas ta` kooperazzjoni u nuqqas ta` azzjoni da parte tieghu gabet il-kumpanniji fis-sitwazzjoni li jinsabu fihom illum u ghalhekk l-esponenti mhuma dovuti li jhallsu ebda multi.*

Rat id-digriet taghha tad-19 ta` Frar 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi sabiex tigbor il-provi.

Rat l-atti tas-seduti ghall-gbir tal-provi li kienu kondotti mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2012 fejn irrevokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota li pprezenta l-intimat fit-8 ta` Novembru 2012.

Semghet il-kontroezami tar-rikorrent fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` April 2013 fejn iddikjarat bhala maghluq l-istadju tal-provi tal-kjamati fil-kawza.

Kompliet tisma` l-kontroezami tar-rikorrent fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2013 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrent.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Ix-xiehda tar-rikorrent

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien direttur flimkien ma` Mario Camilleri u Randolph Camilleri tal-kumpannija CSI Holdings Limited. Ighid illi wara li l-kjamati fil-kawza rrizenjaw minn diretturi, huwa rrizenja wkoll minn direttur. Meta rrizenjaw, huwa ma kienx gie avzat. Ir-rizenja tieghu kienet giet rifjutata peress li huwa kien baqa` l-uniku direttur.

Stqarr illi CSI General Contracting Limited kienet kumpannija li tahdem primarjament il-Libja. Huwa kien it-technical director taghha. Kien jiehu hsieb it-tendering, u t-teknika nvoluta fit-twettieq tax-xoghol u t-thejjija tat-tenders. Il-gestjoni kienet fdata f`idejn Mario Camilleri li kien Chairman tal-Group. Randolph Camilleri kien jghin lil Mario Camilleri fil-parti finanzjarja tal-Libja.

Xehed li d-diretturi l-ohra bieghu kumpannija sussidjarja minghajr ma qalu lilu u sar reversal mill-MFSA tant li t-transfer ma giex registrat.

Fisser illi Mario Camilleri kien CEO tal-Group. L-ufficcju registrat tal-Group kien l-ufficcju ta` Mario Camilleri. F`dan l-ufficcju, kien hemm struttura amministrattiva : segretarja, accountant u awdituri. Paul Camilleri kien l-accountant u Simon Vella kien l-awditur. Mario Camilleri kien imur il-bank skond il-bzonn peress li kien jiehu hsieb il-finanzi. Meta hu kien jindaga, it-twegiba li kien jinghata kienet fis-sens illi kollox kien in regola. Huwa qatt ma kellu access ghall-kotba tal-finanzi tal-kumpannija ; lanqas ghal dealings mal-banek. Jaf li l-accountant u l-awditur kienu talbu lilu biex johrog iktar flus.

Qal li kien biss fl-ahhar li kien infurmat li kien hemm multa li kellha tithallas mill-azzjonisti kollha. Kien hemm tentattiv biex isir trasferiment ta` shares bla ma kien infurmat. Sar jaf li kienu nbieghu kumpanniji ohra li kellhom ; huwa kien irrifjuta li johrog aktar flus. Ir-rizultat ta` dan kien li f`gurnata kumpannija li kienet tiswa` Lm30,000 saret tiswa` Lm250,000. Ir-registrazzjoni tad-dokumenti saret sentejn jew tlieta wara li sar il-bejgh. Kien hemm malafede nvoluta ; kien ghalhekk li rrifjuta li jaghti aktar flus. In segwitu sar jaf li d-diretturi kienu rrizenjaw meta beda jircievi karti tal-kumpannija fl-indirizz tad-dar tieghu.

Xehed illi Paul Camilleri kien jirraporta direttament lil Mario Camilleri.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed li qabel irrizenja kien ilu ghaxar snin direttur. Ighid li ghall-bidu kellu *working relationship* tajba mal-kjamati fil-kawza. Bhala direttur, ma kienx jidhol fi kwistjonijiet ta` amministrazzjoni. Huwa kien jattendi *board meetings*. Kien jircievi korrispondenza dwar il-laqghat inkluz l-agendi. Huwa ma kellux cheque book tal-kumpanija. Huwa kellu rapprezentanza legali tal-kumpannija. Sostna li waqt il-laqghat tal-bord tad-diretturi, kien jippresta l-attenzjoni tieghu. Fil-laqghat, rarament ittiehed vot.

Xehed illi x-xoghol principali tieghu kien fil-Libja. Dam hemm erba` snin : ghaxart ijiem il-Libja ; u hamest ijiem Malta.

Ikkonferma li gieli ffirma dokumenti tal-kumpanija. Huwa ma kienx iffirma l-accounts li dahlu fl-2008.

Insista li z-zewg diretturi l-ohra kienu rrizenjaw fit-8 ta` Lulju 2008 ghaliex hu kien waqqafhom milli jaghmlu affarijiet minn wara dahru.

Xehed illi wara li anke hu rrizenja, il-kumpannija baqghet bla diretturi ghalkemm ghadha mhijiex xjolta.

L-attur jinsisti li l-kjamati fil-kawza hallewh jahdem il-Libja u wara li gab lill-kumpannija fuq saqajha, ippruvaw jiehdu l-kumpannija huma f`idejhom billi jaqilghu lilu barra.

Sostna li waqt il-laqghat tal-board tad-diretturi huwa kien joqghod fuq li jghidu d-diretturi l-ohra.

Meta skopra dak li xehed dwar l-imgieba tal-kjamati fil-kawza, ir-rikorrent ighid illi qatt ma ha passi legali kontra taghhom.

Xehed illi zewg diretturi kellhom jiffirmaw cheques tal-kumpannija. Ighid illi huwa qatt ma ffirma cheques tal-kumpannija.

Ir-rikorrent wiegeb ghal domandi **in riezami**. Xehed illi Paul Camilleri kien inkarikat biex jiehu hsieb l-accounts. Paul Camilleri kien company secretary u imur il-Libja bhala parti mix-xoghol tieghu.

In **kontroezami** wara r-riezami, ir-rikorrent xehed illi ghar-rigward ta` General Contracting Limited, huwa qatt ma rrizenja minn direttur izda kien tnehha. Ikkonferma li kien ircieva minghand l-MFSA l-avviz ghall-hlas tal-multi u fil-pront ipprezenta din il-kawza.

## III. Konsiderazzjonijiet

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-intimat baghat avviz lir-rikorrent skond l-Art 401(3) u (4) tal-Kap 386 sabiex ihallas penali ghal ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 386. Sabiex jevita li dak l-avviz isir titolu ezekuttiv skond il-Kap 12, ir-rikorrent ipprezenta rikors kontra l-intimat skond l-Art 401(4) u (5) tal-Kap 386 fejn oggezzjona ghall-penali.

Skond l-Art 401(6), *ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi jew tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar*.

Abbazi tar-risposta ghar-rikors de quo skond l-Art 401(11) tal-Kap 12, ma jirrizultax li l-intimat qieghed jikkontesta kif ir-rikorrent ressaq l-oggezzjoni tieghu ; infatti l-intimat ma ressaq l-ebda eccezzjoni ta` nullita` tar-rikors promotur. Il-kontestazzjoni fis-sostanza tolqot il-mertu.

Il-bazi tal-kontestazzjoni tar-rikorrent hija li ghalkemm kien direttur ta` C.S.I. Contracting Limited ma kellu assolutament l-ebda kontroll, influenza jew informazzjoni fuq il-gestjoni ta` s-socjeta`, ghaliex il-gestjoni taghha kienet fdata fil-kjamati fil-kawza. Sostna li z-zewg diretturi l-ohra kienu jiehdu decizjonijiet wahedhom, u jaghmlu affarijiet minn wara dahru. Gara li l-ewwel ma rrizenjaw minn diretturi kienu l-kjamati fil-kawza, u mbaghad irrizenja r-rikorrent. Jinsisti r-rikorrent li huwa qatt ma kellu ebda responsabbilita` ghall-*accounts* u s-sottomissjoni taghhom ; ghalhekk, skond ir-rikorrent, ma kellux iwiegeb jew ibati ghan-nuqqasijiet ta` haddiehor.

Abbazi tal-assjem tal-provi, inkluz ix-xiehda tar-rikorrent u d-dokumenti li pprezenta, il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li r-rikorrent ma jistax jigi sollevat mill-obbligi li l-hatra li kellu fil-kumpannija de qua ggorr maghha.

Irrizulta li r-rikorrent baqa` direttur sar-rizenja tieghu fit-8 ta` Lulju 2008 waqt li l-kjamati fil-kawza rrizenjaw qablu fit-2 ta` Gunju 2008. L-avviz li r-rikorrent ipprezenta mar-rikors promotur huwa datat 9 ta` Gunju 2008. In-nuqqasijiet imputati mill-intimat huma li ma gewx sottomessi l-kontijiet annwali tal-kumpannija odjerna, kif rikjest mill-Art 183 tal-Kap 386, u lanqas kienu mibghuta l-prospetti annwali skond l-Art 184 tal-Kap 386.

Il-Qorti tirrileva li dawn id-disposizzjoni huma *of strict application* u zzid tirrileva li hekk ghandu jkun.

L-**<u>Art 183</u>** jaqra hekk :-

*(1) Id-diretturi ta` kumpannija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali talkumpannija imqiegħda quddiem il-kumpannija f`laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 flimkien ma` kopja tar-rapport talawdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għattqegħid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jiġu konsenjati lir-Reġistratur b`xi mezz elettroniku, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik ilkopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.*

*(2) Meta, skont l-artikolu 185, kumpannija tikkwalifika biex tagħmel kontijiet annwali mqassra dwar żmien ta` kontijiet iddiretturi tal-kumpannija jistgħu jikkonsenjaw lir-Reġistratur kontijiet annwali mqassra dwar dak iż-żmien ta` kontijiet u dik ilkonsenja tissodisfa l-obbligu tal-kumpannija taħt is-subartikolu (1) :*

*Iżda meta l-kumpannija li tikkwalifika li tagħmel kontijiet annwali mqassra tkun kumpannija eżentata, din tista` tikkonsenja lir-Reġistratur il-karta tal-bilanċ mqassra tagħha biss, in-noti kollha tal-kontijiet li jkollhom x`jaqsmu mal-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-awdituri, u dan mingħajr ir-rapport tad-diretturi :*

*Iżda wkoll meta l-kumpannija eżentata li tikkwalifika li tagħmel kontijiet imqassra tkun kumpannija msemmija fl-artikolu 185(1)(b), din tista` tikkonsenja lir-Reġistratur il-karta tal-bilanċ imqassra tagħha biss u n-noti kollha mal-kontijiet rilevanti għallfinijiet tal-karta tal-bilanċ, u mingħajr rapport tad-diretturi u rapport tal-awdituri.*

*(3) Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 185(10) ikunu wkoll meħtieġa meta, minkejja li l-kontijiet annwali ma jkunux saru fil-forma mqassra, id-diretturi jiehdu vantagg mill-ezenzjonijiet mogħtija bis-subartikolu (2) dwar il-konsenja tal-kontijiet f`forma mqassra.*

*(4) Meta d-diretturi ta` kumpannija jipproponu li jieħdu vantaġġ tal-eżenzjonijiet mogħtija bis-subartikolu (2), l-awdituri jkollhom id-dmir li jipprovdu lid-diretturi b`rapport speċjali tal-awdituri li jiddikjara jekk fil-fehma taghhom il-kumpannija jkollhiex jedd ghal dawk l-ezenzjonijiet kif mitluba fid-dikjarazzjonijiet tad-diretturi u jekk id-dokumenti li jkunu proposti li jkunu konsenjati skont dan l-artikolu jkunux imħejjija b`mod xieraq :*

*Iżda r-rapport speċjali tal-awdituri ma jkunx meħtieġ meta l-kontijiet annwali tal-kumpannija, li dwarhom ikun sar ir-rapport tal-awdituri msemmi fl-artikolu 179, għandhom ikunu pubblikati kif saru :*

*Iżda wkoll, id-disposizzjonijiet ta` dan is-subartikolu ma japplikawx għal kumpanniji msemmija fl-artikolu 185(1)(b).*

*(5) Il-kontijiet annwali konsenjati għandu jkollhom magħhom ir-rapport speċjali tal-awdituri msemmi fis-subartikolu (4), meta dawn ikunu meħtieġa li jsiru skont l-imsemmi subartikolu.*

*(6) Fil-każ provdut għalih fis-subartikolu (5) kopja tar-rapport tal-awdituri mħejji taħt l-artikolu 179 ma għandhiex tkun konsenjata separatament iżda t-test kollu tiegħu għandu jkun riprodott fir-rapport speċjali tal-awdituri; u jekk ir-rapport tal-awdituri mħejji taħt l-artikolu 179 ikun kwalifikat, għandu jkun inkluż fir-rapport speċjali tal-awdituri kull materjal ieħor meħtieġ biex tiftiehem il-kwalifika.*

*(7) L-artikolu 179(4) għandu japplika għal rapport speċjali talawdituri taħt dan l-artikolu kif japplika għal rapport taħt l-artikolu 179.*

*(8) Meta kumpannija, li tkun kumpannija parent, tħejji kontijiet konsolidati skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att din ma għandhiex għalfejn tinkludi kopja tal-kont tal-qligħ u telf tagħha mal-kontijiet annwali li għandhom ikunu konsenjati lir-Registratur kif preskritt fis-subartikolu (1) meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li gejjin -*

*(a) l-applikazzjoni ta` din l-eżenzjoni tintwera fin-noti talkontijiet tal-kumpannija parent u fin-noti tal-kontijiet konsolidati ; u*

*(b) il-qligħ jew telf tal-kumpannija parent, stabbilit skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att, għandu jintwera separat jew fuq il-karta tal-bilanċ tal-kumpannija parent jew fin-noti tal-kontijiet tal-kumpannija parent.*

*(9) Jekk xi dokument li jkun parti mill-kontijiet annwali jkunf `xi lingwa barra l-Malti jew -Ingliż, il-kumpannija għandha tgħaqqad mal-kopja ta` dak id-dokument ikkonsenjat traduzzjoni tiegħu jew bil-Malti jew bl-Ingliż, ċertifikata bħala traduzzjoni korretta f`dak il-mod li jista` jkun preskritt.*

*(10) Fil-każ ta` nuqqas ta` tħaris tad-disposizzjonijiet ta` dan lartikolu,jew meta l-kontijiet annwali konsenjati lir-Reġistratur ma jħarsux id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att, kull uffiċjal talkumpannijali jonqos jista` jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas penali oħra. Fil-proċedimenti taħt dan issubartikolu ma tistax tinġieb prova mid-difiża li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kenux fil-fatt imħejjija kif meħtieġ b`dan l-Att.*

**<u>L-Art 184</u>** jaqra hekk :-

*(1) Kull kumpannija għandha, wara l-1 ta` Jannar 2004, ma` kull anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha, tagħmel prospett fil-forma murija fis-Seba` Skeda li juri l-ħwejjeġ fiha indikati kif kienu fid-data ta` dak l-anniversarju :*

*Iżda –*

*(a) meta kumpannija kienet, qabel l-1 ta` Jannar 2004, b`nuqqas dwar il-konsenja ta` prospett jew prospetti annwali, dan l-artikolu ma għandux jolqot l-obbligu tal-kumpannija li tagħmel dak il-prospett jew dawk ilprospetti jew għall-ħlas ta` xi penali li jinqala` minn dan in-nuqqas ;*

*(b) meta kumpannija tkun bidlet xi azzjonijiet tagħha fi stock u tkun irreġistrat il-bdil kif provdut fl-artikolu 79, il-lista tal-membri ta` qabel u preżenti murija fit- Taqsima 3 tas-Seba` Skeda għandha tiddikjara lammont ta` stock miżmum minn kull wieħed millmembri eżistenti minflok l-ammont ta` azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjon jiet meħtieġa b`din il-parti.*

*(2) Il-prospett annwali, kompletat kif imiss, għandu jkun iffirmat minn għall-inqas direttur wieħed tal-kumpannija jew missegretarju tal-kumpannija u jintbagħat lir-Reġistratur għarreġistrazzjoni fi żmien tnejn u erbgħin jum mid-data sa liema jkun magħmul. Meta l-prospett annwali jintbgħat lir-Reġistratur b`xi mezz elettroniku jista` jiġi ffirmat minn direttur wieħed jew missegretarju tal-kumpannija jew minn individwu speċifikament awtorizzat għal dak l-għan mill-memorandum, jew permezz ta` risoluzzjoni tal-bord tad-diretturi, jew permezz ta` risoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija. Il-firma ta` dak il-prospett annwali għandha ssir permezz ta` firma elettronika debitament rikonoxxuta mir-Reġistratur.*

*(3) Fin-nuqqas ta` tħaris tad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista` jkun suġġett għal penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.*

Huwa evidenti skond dawn id-disposizzjonijiet illi kull *ufficjal* tal-kumpannija li jonqos li jibghat id-dokumenti in kwistjoni jista` jkun soggett ghall-penali fissa, u ghal penali addizzjonali ghal kull jum li fih in-nuqqas jibqa` jippersisti. B`*ufficjal* il-Kap 386 qieghed jinkludi *direttur* [ara l-Art 2(1)]. Fid-disposizzjonijiet citati, ma hemm l-ebda kawsola ta` ezoneru ta` responsabilita`.

Huwa korrett l-intimat meta jsostni li l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn direttur u iehor. Lanqas ma hija selettiva fis-sens illi takkolla responsabilitajiet jew dmirijiet lil direttur ad eskluzjoni ta` direttur iehor. F`ghajnejn il-ligi, id-diretturi huma lkoll meqjusa l-istess u ghalhekk mhijiex skuza l-pretensjoni tar-rikorrent illi ghax skond hu ma kienx involut fl-*accounts* u fis-sottomissjoni taghhom m`ghandux iwiegeb ghall-hlas tal-penali.

Ghalkemm jirrizulta bhala fatt li l-kjamati fil-kawza ma hadux interess fil-procediment tal-lum, tant li hija sprovvista mill-verzjoni taghhom, il-Qorti mhijiex konvinta li r-rikorrent bhala direttur ma kellux mansjonijiet relatati ma` *accounts.* Irrizulta nfatti mill-assjem tal-provi, inkluza x-xiehda tar-rikorrent, illi huwa ffirma l-*accounts* tal-kumpannija ghas-snin li ghalqu fil-31 ta` Dicembru 2001 u fil-31 ta` Dicembru 2002 (Dok R1 u R2). Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax igib `il quddiem l-argument illi ma kienx involut f`*accounts* kemm dam direttur. B`zieda ma` dan, irrizulta wkoll li x`hin fil-kumpannija beda "jberraq" l-inkwiet, ir-rikorrent beda jattendi ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi assistit mill-avukat tieghu. Wiehed jifhem li r-raguni ghall-presenza tal-avukat ma kenitx ghal semplici akkompanjament izda ghall-fini ta` konsultazzjoni u direzzjoni. Ladarba certament dak kien ir-rwol daqstant iehor wiehed kellu jippretendi li bl-assistenza legali, ir-rikorrent kien sar aktar konxju tad-dmijiriet tieghu vis-a-vis l-intimat ; ghalhekk kellu jassikura ruhu li l-posizzjoni tieghu tkun ben kawtelata.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-**<u>Art 176</u>** tal-Kap 386 li jaqra hekk :-

*(1) Il-kontijiet annwali ta` kumpannija għandhom ikunu approvati mill-bord tad-diretturi u l-karta tal-bilanċ għandha tkun datata u ffirmata f`isem il-bord minn zewg diretturi tal-kumpannija.*

*(2) Kull kopja tal-karta tal-bilanċ li titqiegħed quddiem il-kumpannija f`laqgħa ġenerali, jew li tkun xort`oħra ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi l-isem tad-diretturi li ffirmaw il-karta tal-bilanċ f`isem il-bord.*

*(3) Il-kopja tal-karta tal-bilanċ tal-kumpannija li għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha tkun iffirmata f`isem il-bord mill-istess diretturi li jkunu ffirmaw il-karta tal-bilanċ skont issubartikolu (1).*

*(4) Jekk ikunu approvati kontijiet annwali li ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet ta` dan l-Att, kull direttur tal-kumpannija li jkun parti fl-approvazzjoni tagħhom u li jkun jaf li dawn ma jkunux iħarsu lħtiġiet jew li jittraskura li jara li jkunu jaqblu mal-ħtiġiet jista` jeħel penali. Għal dan l-għan kull direttur tal-kumpannija li jkun hemm fil-ħin tal-approvazzjoni tal- kontijiet jitqies li kien parti flapprovazzjoni tagħhom kemm-il darba ma jippruvax li jkun ħa lpassi xierqa kollha biex ma jħallix li dawn ikunu approvati.*

*(5) Jekk kopja tal-kontijiet annwali –*

*(a) titqiegħed quddiem il-kumpannija, jew xort`oħra tkunċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b`dan l-artikolu jew mingħajr ma jintwera kif meħtieġ isem il-firmatarju ; jew*

*(b) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b`dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista` jeħel penali.*

Skond din id-disposizzjoni, il-kontijiet annwali dejjem johorgu ghall-bord tad-diretturi u, bhala konsegwenza, kull direttur li jkun membru tal-bord jista` jkun responsabbli ghan-nuqqasijiet li ma jigux sottomessi il-kontijiet, jew ghal nuqqasijiet ohra relatati mal-kontenut ta` dawk il-kontijiet.

Il-Qorti tirrileva wkoll li skond l-**<u>Art 150 tal-Kap 386</u>**, *kull ħaġa li skont xi disposizzjoni ta` dan l-Att hi meħtieġa li ssir minn kumpannija għandha titqies ukoll li hi meħtieġa li ssir mill-uffiċjali tal-kumpannija.* Inoltre skond l-

**Art 427(4)** tal-istess Kap, *kumpannija tkun responsabbli in solidum mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta` kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.*

Il-konsegwenza legali hija r-responsabilita` tad-diretturi hija solidali bejniethom u mal-kumpannija.

Waqt it-trattazzjoni finali, ir-rikorrent ssottometta li ghandu japplika fir-rigward tieghu l-principju generali li anke jemergi mill-**Kap 249** tal-Ligijiet ta` Malta fis-sens li hadd ma ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hwejjeg li ma kienux that il-kontroll tieghu. Kif ukoll invoka l-argument li ghalkemm ghamel l-almu tieghu u kien prudenti, kienu d-diretturi l-ohra li ghamlu hwejjeg ad insaputa tieghu. Il-Qorti mhijiex tikkondividi l-posizzjoni tar-rikorrent. Jekk tassew kif xehed l-istess rikorrent huwa kien jaf li d-diretturi l-ohra kienu qed jaghmlu hwejjeg minn wara dahru u li huwa ma kellux kontroll il-konduzzjoni ta` aspetti ta` l-kumpannija, kien messu telaq minn direttur, mhux jibqa` direttur meta kien messu kien ben koxjenti tal-fatt illi marbuta mal-hatra ta` direttur kien hemm obbligi statutorji li ma setax jahrab minnhom. Lanqas ma jista` jesimi ruhu minn kwalunkwe responsabilita` semplicement ghaliex jallega li huwa kien jistaqsi jekk l-*accounts* kinux gew prezentati lill-intimat waqt il-laqghat tal-bord tad-diretturi, u t-twegiba li kien jinghata kienet pozittiva. Daltronde dak li xehed ir-rikorrent jieqaf sal-ghatba tal-allegazzjoni ghaliex baqa` ma pprezentax bhala prova oggettiva ta` dak li kien qed jallega l-minuti tal-laqghat tal-bord. Abbazi tal-provi akkwiziti, u fl-isfond ta` dak li tghid il-ligi, il-Qorti ma tistax tehles lir-rikorrent mir-responsabbilitajiet tieghu bhala direttur, liema responsabilitajiet ma refghax wahdu izda refa` solidalment mad-diretturi l-ohra u mal-kumpannija.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi t-talba tar-rikorrent kif dedotta ma tistax tigi milqugha peress li l-penali mposta mill-intimat fil-konfront tieghu kienet ghal kollox legittima u skond il-ligi.**

**In kwantu ghall-kjamati fil-kawza, il-Qorti sejra tqis l-ewwel eccezzjoni taghhom.**

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "**Mamo et vs Wismayer**", din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk **:-**

*Illi s-sejha fil-kawza ta' terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-ligi tal-procedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista' ssir kemm fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet u kif ukoll minghajr dik it-talba ;*

*Illi, madankollu, l-kliem semplici ta' dak l-artikolu, ma jurix il-qafas li dan l-istitut tnissel fih u li, matul il-medda tas-snin, ta lok ghal ghadd ta` principji li l-qrati taghna taw bosta decizjonijiet dwarhom ;*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih ;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqeghdu f`gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta' l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta' interess tal-parti li toqghod f`gudizzju ;*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza jmissha tigi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema cirkostanzi ghandha tintlaqa' talba ghal tali sejha, u, b'mod izjed siewi, meta m'ghandhiex*

*jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bhal din ;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f'persuna biex minnu tista` tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni ;*

*Illi, madankollu, s-sejha fil-kawza m`ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin.*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti imharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza. Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tigi milqugha talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu. Izda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess [guridiku tal-imsejjah] milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta' kellu interess u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien mal-imharrek originali li ma messu tharrek qatt …*

(ara wkoll : 26.2.1935 : **Cassar vs Ciantar noe et** : Kollez. Vol : XXIX.ii.359 ; 31.5.1954 : **Buick noe vs Agius et** : Kollez. Vol: XXXVIII.490 ; 26.10.1937 : **Cassar vs Mirabelli et** : Kollez. Vol: XXIX.i.1107 ; 23.11.1898 : **Stepton vs Spiteri** : Kollez. Vol: XVI.i.117 ; 29.10.1935 : **Libreri vs Staines noe** : Kollez. Vol: XXIX.ii.706 ; 6.2.1962 : **Tabone noe vs Magri** ; Kollez. Vol: XLVI.ii.561 ; 19.5.1995 : **P. Wismayer et vs C. Wismayer et** ; 14.1.1938 : **Captur vs Felice** (Kollez. Vol: XXX.i.1) ; 4.5.1992 : **Jean Depasquale noe vs David Jones** ; u 16.3.1993 : **Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo Schembri et** 26.4.1971 : **Vincenzina Cassar vs Anthony Vella**).

Meta dawn l-insenjamenti jigu applikati ghall-procediment tal-lum, il-Qorti tirrileva hekk :

1) Ghalkemm il-kjamati fil-kawza kienu diretturi tal-kumpannija de qua, kienu terzi fil-procedura tal-avviz skond il-Kap 386 li l-intimat inizja kontra r-rikorrent u li wara skatta l-procediment tal-lum ;

2) Ladarba l-avviz intbaghat mill-intimat lir-rikorrent, specifikament fil-procedura *ad hoc* li kien kostrett jiehu r-rikorrent kontra l-intimat, il-kjamati fil-kawza baqghu terzi, anke jekk b`rizerva fis-sens illi kull ammont li seta` jigi addebitat bhala dovut lir-rikorrent, ghax kien direttur, kien solidament dovut mill-kjamati fil-kawza ghax zmien kollu li kienu wkoll diretturi tal-istess kumpannija. Tenut kont tal-ispecificita` tal-procediment tal-lum, ma jistax ikun hemm kundanna fil-konfront tal-kjamati fil-kawza ;

3) Ghalkemm tajjeb li jkun hemm gudizzju wiehed, l-esekuzzjoni ta` procediment partikolari mhuwiex dejjem l-istess.

**Specifikament tenut kont tal-parametri tal-procediment li kellu jmexxi bih r-rikorrent, il-kjamati fil-kawza ghandhom jigu liberati mill-gudizzju. Madankollu r-rikorrent jibqaghlu dritt ta` rivalsa kemm kontra l-kumpannija u kif ukoll kontra l-kjamati fil-kawza bhala diretturi ghal sehemhom mill-penali mertu tal-avviz li skatta l-procediment de quo. Din il-kwistjoni mhijiex risolvibbli fil-procediment tal-lum izda ghandha tigi ndirizzata fi proceduri ohra.**

Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti hija tal-fehma li fejn jirrigwarda l-kjamati fil-kawza, dawn ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom, billi jirrizulta li bl-ebda mod ma kkoperaw attivament fil-kawza. L-eccezzjonijiet li gabu, partikolarment it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, ma gewx assolutament ippruvati. Dwar l-ewwel eccezzjoni il-Qorti esprimiet ruhha fis-sens illi kif impostata l-kawza ma setghetx tirnexxi kontra l-kjamati fil-kawza.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat.**

**Tillibera lill-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Jibqa` mpregudikat id-dritt tar-rikorrent li jipproponi kull azzjoni li jidhirlu opportuna kemm kontra l-kumpannija C.S.I General Contracting Limited (C21115) kif ukoll kontra l-kjamati fil-kawza.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ibati l-ispejjez tieghu.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tal-intimat.**

**Tordna lill-kjamati fil-kawza sabiex ibatu l-ispejjez taghhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------